# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Illum il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021.**

**Rikors numru 181/2017/3**

**Josephine sive Joyce Parnis noe**

**v.**

**Fortunato Farrugia et**

Digriet b'referenza għar-rikors tal-appellant Charles John Parnis tad-29.1.2021.

Reġgħet rat ir-rikors tal-appellant Charles John Parnis u risposti tal-appellati.

L-appellant talab lill-Qorti sabiex tħassar id-digriet tat-28 ta' Jannar 2021 li bih l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert peress li ma ddepożitax il-kawtela

għall-ispejjeż tal-appell. L-appellant isostni li qatt ma irċieva l-avviż ta' kawtela tal-appell tiegħu.

Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appellaw b'mod separat minn xulxin Charles John Parnis (rikors 15.6.2020) u l-attriċi nomine (rikors ieħor li ppreżentat fl-istess ġurnata). Charles John Parnis u Josephine Parnis huma miżżewġin u jgħixu fl-istess dar.

Għal dak li jikkonċerna notifika tal-avviż ta' smigħ u tal-kawtela, hemm riferta waħda tal-uffiċjal eżekuttiv li tgħid li fit-28 ta' Diċembru 2020 innotifika lil *"Parnis Charles John et"* bl-avviż tas-smigħ u kawtela, billi ħalla kopja f'idejn 'Fiona Parnis' (bint l-appellanti). Mill-atti jirriżulta li r-Reġistratur ipprepara żewġ avviżi ta' kawtela, wieħed għall-appell ta' Charles John Parnis u ieħor għall-appell tal-attriċi nomine (ara fol. 267-270). Għalhekk kull appellant kellu jkun notifikat bl-avviż ta' smigħ u avviż ta' kawtela li jolqot l-appell rispettiv li għamel. Pero` m'hemmx riferta tal-uffiċjal eżekuttiv li tikkonferma li l-attriċi nomine ġiet notifikata.

F'affidavit, Josephine Parnis qalet (25.3.2021) li bintha Fiona Parnis kienet tatha biss l-avviż tagħha;*"5. Illi jiena nikkonferma la jiena, la r-raġel tiegħi Charles Parnis u lanqas Fiona ma rċevejna l-kawtela ikkonċernata mar-raġel tiegħi Charles Pisani fir-residenza tagħna fuq indikata"*.

F'affidavit ieħor Fiona Parnis ikkonfermat li l-avviż li ngħatat kien biss ta' ommha u l-uffiċjal eżekuttiv qalilha biex tagħti l-avviż lill-ommha.

Meta tqis li l-uffiċjal eżekuttiv għamel riferta waħda biss, hi kredibbli l-verżjoni li Fiona Parnis ingħatat l-avviż ta' kawtela ta' ommha biss. Hu veru li wara isem u kunjom l-appellant hemm l-ittri 'et'. Madankollu dik m'hijiex garanzija li l-uffiċjal eżekuttiv ta lil Fiona Parnis żewġ avviżi ta' kawteli differenti, wieħed fir-rigward tal-appell ta' Charles John Parnis u l-ieħor fir-rigward tal-appell tal-attriċi nomine.

Fil-fatt filwaqt li n-notifika saret fit-28 ta' Diċembru 2020, l-appellanti Josephine Parnis nomine iddepożitat il-kawtela fil-5 ta' Jannar 2021. Jekk ingħataw ukoll l-avviż ta' kawtela dwar l-appell ta' Charles John Parnis, x'aktarx li kien isir il-ħlas kif sar fir-rigward tal-appell ta' Josephine Parnis. Dan meta tikkunsidra li l-attriċi nomine u Charles John Parnis għandhom l-istess għan, ċioe` li l-minuri jiġi dikjarat li hu l-iben naturali ta' Damian Farrugia.

Fiċ-ċirkostanzi tqis li t-talba tal-appellant Charles John Parnis hi ġustifikata.

Għal dawn il-motivi tilqa' it-talba ta' Charles John Parnis u tħassar id-digriet ta' deżerzjoni mogħti fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021. Spejjeż ta' dan id-digriet jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr